**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 117/2018**

**EJ (l-ilmentatur)**

**vs**

***Bonnici Insurance Agency Ltd*. (C 8614)**

**(il-provditur tas-servizz/l-*insurance*)**

**Seduta tad-9 ta' Lulju 2019**

**L-Arbitru ra l-ilment** fejn qed jigi sottomess li l-ilmentatur insterqitlu l-karozza '*li kienet ilha inxurjata ma' Bonnici Insurance Agency (agenti tal-Mapfre Middlesea) xi seba' xhur u ma jridux ihallsuni.'*

Jghid li l-karozza kienet inxurjata mal-*Middlesea* permezz tal-agenti taghha *Untours* qabel ma inqdew bis-servizzi ta' *Bonnici Insurance.* Jghid li kien ilu jhallas l-*insurance* izda issa qed jghidulu li ma jridux ihallsuh ghaliex kellu l-*claims* qabel. Skont l-ilmentatur, messhom qalulu qabel dwar dan u mhux inxurjawh u issa ma jridux ihallsu l-*claim.*

Jghid li r-rifjut tal-hlas tal-*claim* huwa minhabba li qalulu li kellu *claims* qabel u ma kienx infurmahom dwarhom.

Jghid li l-*Proposal Form* ingabet lilu minn ibnu minghand is-*salesman* tal-provditur tas-servizz mimlija u lesta u qalulu biex jiffirmaha. Ibnu ghadda l-*Proposal Form* lil certu Bowman u din il-*claim* mhix relatata ma' xi traskuragni fis-sewqan izda ma' serq ta' karozza.

Huma ghandhom *policies* ohra mal-*insurance* u, ghalhekk, ma jafx ghalfejn ma jridux ihallsuh.

Il-karozza li nsterqitlu kienet inxurjata ghall-valur ta' €11,800, li qed jippretendi li jinghatawlu mill-provditur tas-servizz.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz** li tghid:

1. Li l-provditur tas-servizz ma kienx qed jiggestixxi ebda negozju f'ismu izda kien qed jagixxi biss ghan-nom tas-socjetà *Mapfre Middlesea p.l.c.*

2. Li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' l-ilment ghaliex il-kelma '*assigurazzjoni*' fid-definizzjoni ta' '*provditur tas-servizz'* ghandha tinghata tfisir li qed tirreferi ghal wahda ta' generu ta' prodotti finanzjarji, per ezempju, tat-tip ta' *endowment policy*.

3. Mid-dicitura tal-Ligi jidher car illi dak li l-Legizlatur kellu f'mohhu meta saret din il-legizlazzjoni kien proprju '*servizz ta' investiment'*. Ghaldaqstant it-tip ta' assigurazzjoni li hija specifikata f'Artikolu 2 hija tat-tip *Endowment Policy,* jew xi forma ohra ta' *Investment Policy* purchè din tirrendi forma ta' qligh ossia lukru. Huwa car kristallin illi l-legizlatur ma kellux f'mohhu li jkopri b'dan l-Att assikurazzjoni ta' INDENNIZZ bhalma fil-fatt hi l-*Motor Insurance Policy* in kwistjoni. Dan jidher ukoll mid-diskussjonijiet fil-Parlament meta kienet ser tigi introdotta din il-Ligi. Fil-fatt, waqt id-Diskors tieghu waqt il-laqgha plenarja tal-20 ta' Lulju 2015, l-Onorevoli Ministru ghall-Finanzi Prof. Edward Scicluna spjega li permezz ta' din il-Ligi kien qieghed jitwaqqaf forma ta':

   '... *Ombudsman ghas-Servizzi Finanzjarji bil-ghan li jassumi l-funzjoni li jinvestiga l-ilmenti minn investituri u d-disputi bejn investituri u istituzzjonijiet finanzjarji filwaqt li jkollu s-setgha u s-sahha legali li jaghti sentenzi ezekuttivi. Dan bil-ghan li l-investitur ikun aktar protett*.'

   Matul l-istess diskors l-Onorevoli Ministru kompla jispjega li permezz ta' din is-sistema '*Il-konsumatur ghandu jifhem li kumpens jinghata biss fejn ikun hemm prattici hziena u mhux ghax tkun tlift xi flus*.'

   Inoltre, tul l-istess seduta parlamentari, l-Onorevoli Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili, Helena Dalli, spjegat illi

‘*Qeghdin nitkellmu fuq Gustizzja fejn inti investejt flusek u ma hadtx lura dak li investejt.*’ B’dan allura, illi ma jistax ikun hemm dubbju illi t-tip ta’ servizzi intizi li jkunu koperti mill-funzjoni tal-Arbitru f’dan il-kaz, kienu dawk illi jinvolvu investituri (u mhux kuntratt ta’ indennizz) u prattici hziena (u mhux biss investiment illi mar hazin – u wisq anqas decizjoni korretta skont il-kuntratt ta’ assigurazzjoni nnifsu, u l-ligi kummercjali dwar l-assikurazzjoni, bhal fil-kaz *de quo*).

4. Stante li l-polza tal-assikurazzjoni fuq il-vettura hija wahda ta’ indenniz u mhux prodott finanzjarju li jirrendi qligh skont kif previst mil-Ligi, din ma tinkwadrax fid-definizzjoni moghtija minn Kapitolu 555 u sussegwentement l-Artikoli l-ohra bbazati fuq din id-definizzjoni. Ghalhekk, l-esponenti tissottometti bir-rispett illi kwistjonijiet relatati ma’ *Motor Insurance Policies* ma jaqghux taht il-kompetenza tal-Ufficcju tal-Arbitru tas-Servizzi Finanzjarji.

   Dan aktar u aktar tenut kont tal-fatt il-kwisjtoni fil-mertu tal-proceduri odjerni tirrigwarda l-fatt illi l-polza tal-assikurazzjoni relattiva, ossia l-kuntratt ta’ bejn il-partijiet huwa null u invalidu, stante li l-ilmentatur kiser il-principju fundamentali ta’ *uberrima fides*. Ghaldaqstant, din hija kwistjoni purament civili u kwindi bl-akbar rispett, l-Arbitru ma jistax jiehu konjizzjoni tal-istess, stante illi dan mhux il-forum adekwat u effettivament l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza illi jisma’ l-istess kaz.

   Dak kollu illi ser isegwi huwa in linea sussidjarja, u assolutament minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess.

   Kwistjonijiet fil-Mertu

   Minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess fir-rigward tan-nuqqas ta’ kompetenza tal-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji fuq din il-kwistjoni, l-esponenti tghaddi issa biex tirrileva s-segwenti dwar il-mertu tal-ilment imressaq:

   **Is-Sezzjoni *General Conditions*** tal-Polza tal-Assigurazzjoni tipprovdi espressament illi:

   ‘*We will provide cover under the policy only if the information you give us when applying for insurance or when making a claim, either by speaking*

*to us or in any document, is true as far as you know. You must ask all persons who are covered by this policy any relevant questions you need to obain this information.'*

Din il-kundizzjoni kienet digà indikata lill-ilmentatur mill-esponenti fl-ittra mibghuta lilu datata 14 ta' Dicembru 2017.

Dan huwa l-ftehim kontrattwali accettat mill-ilmentatur *qua* assikurat meta huwa kkonkluda l-polza in kwistjoni mal-esponenti – u kwindi, **abbazi tal-principju *pacta sunt servanda*, l-ilmentatur ma jistax jilmenta minn xi forma ta' ingustizzja**.

Dan stante l-fatt illi meta kien talab li tinhareg il-Polza ta' Assigurazzjoni relattiva, l-ilmentatur naqas milli jinforma lill-*underwriter* tal-esponenti, jew jiddikjara fuq il-*Proposal Form*, illi bejn is-sena 2012 u s-sena 2017, l-ilmentatur u ibnu, XXJ, bhala *named driver* kienu involuti f'ben 10 incidenti tat-traffiku, fejn f'wiehed minnhom, utent tat-triq kien safa midrub serjament u dan kif kien l-obbligu espress taghhom ai termini tal-istess *Proposal Form* hawn annessa u esebita mmarkata bhala **Dok. MBI 1.** Di fatti, ghall-mistoqsja 3C, fit-tielet pagna tal-*Proposal Form*, li titlob specifikament illi l-assigurat prospettiv jiddikjara jekk hu jew ix-xufier awtorizzat qatt kienx gie involut f'incident, hu wiegeb li le. Dan **b'*mala fede* assoluta – kwindi japplika anke l-principju bazilari ta' *fraus omnia corrumpit* – u l-ilmentatur ma jista' qatt jibbenefika minn dan in-nuqqas ossia gidba tieghu stess.**

Din il-*Proposal Form* giet mghoddija ghall-firma tal-ilmentatur, illi gie mitlub illi jara d-dettalji hemm kontenuti u jikkonfermahom, skont kif tindika kjarament **Sezzjoni 8** tal-istess *Prosposal Form* ossia illi l-assikurat prospettiv m'ghandux jiffirma dan id-dokument sakemm ma jkun qara u fehem id-dikjarazzjonijiet hemm kontenuti, inkluz jekk id-dettalji jkunu qeghdin jimtlew minn terza persuna.

Din l-istess *Proposal Form* tispjega illi ladarba l-assikurat prospettiv jiffirma dan id-dokument, hu jkun qieghed jikkonferma illi qara u fehem dak li hemm kontenut u jaqbel li dak kontenut huwa korrett, oltre illi jiddikjara illi svela dak kollu necessarju u mitlub minnu stante li dan jifforma l-bazi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni.

L-informazzjoni dwar tal-anqas 10 kazijiet precedenti ghal dak mertu tal-proceduri odjerni kienet instabet biss mill-esponenti sussegwentement illi kienet giet intavolata l-*claim* relattiva. Irid jinghad illi l-informazzjoni kollha korretta hija essenzjali sabiex il-kuntratt ta' assikurazzjoni jigi konkluz b'mod gust u dan ghaliex in-numru ta' kazijiet illi l-assikurat jew xufier tieghu jkunu involuti fihom qabel ma tigi konkluza l-polza ta' assikurazzjoni huwa ta' importanza primordjali u jimpingi fuq ir-riskju assunt mill-kumpanija ta' assikurazzjoni meta tikkonkludi l-polza. Il-habi ta' fatt materjali bhal dan (illi jimpingi mhux biss fuq il-*premium* imma wkoll fuq id-decizjoni tal-esponenti illi tassigura jew le) ma jistax hlief iwassal ghan-nullità assoluta tal-kuntratt *de quo*, stante illi jirrendi l-istess patt ibbazat fuq qerq assolut da parti ta' wiehed mill-kontraenti, f'dan il-kaz l-ilmentatur.

Dan ifisser illi ladarba l-ilmentatur naqas milli jinforma lill-esponenti bl-istorja passata korretta, u malizzjozament heba dawn il-fatti tant importanti, huwa agixxa b'*mala fede* assoluta. Dan jikkostitwixxi ksur tal-principju ta' *uberrima fides* illi fuqu huwa msejjes il-kuntratt ta' assigurazzjoni, b'mod illi dan il-kuntratt huwa null *ab initio* u ghalhekk invalidu ghal kull tenur u effett tal-Ligi. Ghaldaqstant, l-esponenti ma tistax tigi obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni pretizi mill-ilmentatur.

Ghaldaqstant, l-esponenti tinsisti illi l-ilment *de quo* huwa ghal kollox nieqes minn kull bazi legali u infondat fil-fatt u fid-dritt. B'hekk, jigi umilment sottomess, illi l-ilment ghandu jigi michud mhux biss abbazi tal-eccezzjoni ta' kompetenza, izda anke, in linea sussidjarja u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-Arbitru jidhirlu illi ghandu jidhol fil-mertu, mil-lat sostanzjali, b'dan illi fil-kunsiderazzjonijiet tieghu ai termini tal-**Artikolu 26(3)(d) tal-Kap. 555** l-abbli Arbitru ghandu jiddikjara li l-ispejjez kollha relatati ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati unikament mill-ilmentatur.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

***Eccezzjoni dwar Gurisdizzjoni***

L-ewwel haga li jrid jiddeciedi l-Arbitru hija t-tieni eccezzjoni dwar jekk ghandux gurisdizzjoni jisma' l-ilment.

Skont il-provditur tas-servizz, l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni ghaliex fid-definizzjoni ta' provditur tas-servizz, ir-referenza ghal servizz ta' assikurazzjoni ghandu jinftiehem li jirreferi biss ghal assikurazzjoni ibbazata fuq investiment bhalma hi *endowment policy*.

L-Arbitru ma jaqbilx ma' dan. Qabel xejn, fejn il-kliem fil-ligi huwa car, m'ghandux jinghata interpretazzjoni hlief dik l-interpretazzjoni cara li tghid l-istess ligi. Il-kliem tal-ligi hu car u m'ghandux bzonn ta' interpretazzjoni, kif qed jaghmel il-provditur tas-servizz.

Il-ligi hija cara li l-Arbitru ghandu gurisdizzjoni meta klijent eligibbli, bhalma hu l-ilmentatur, ikun konsumatur ta' provditur ta' servizz finanzjarju u, ghalhekk, jista' jaghmel ilment kontrih. M'hemmx dubju li l-provditur tas-servizz *de quo* huwa provditur ta' servizz finanzjarju u, ghalhekk, l-ilmentatur seta' jressaq ilment kontrih u l-Arbitru ghandu s-setgha li jisimghu.

Ir-raguni li ta l-provditur tas-servizz m'ghandhiex bazi legali ghaliex mhux minnu li l-legizlatur ried li l-Arbitru jiddeciedi kwistjonijiet dwar investimenti finanzjarji biss. Li kieku l-legizlatur ried hekk, kien jghid hekk. Imma l-legizlatur dan ma qalux, anzi fid-definizzjoni ta' '*provditur tas-servizz'* jaghmilha cara li l-provditur jista' jkun kumpanija li toffri servizzi ta' investiment, bank, istituzzjonijiet finanzjarji, pensjonijiet u '*assikurazzjoni*'. Il-kelma assikurazzjoni mhix kwalifikata u tirreferi ghal kwalunkwe tip ta' assikurazzjoni.

Ghalhekk, l-eccezzjoni dwar kompetenza hija bla bazi legali u l-Arbitru qed jichadha.

**L-Ewwel Eccezzjoni**

Fl-ewwel eccezzjoni l-provditur tas-servizz jghid li hu ma kienx qed jiggestixxi n-negozju f'ismu, izda kien qed jagixxi biss bhala agent tas-socjetà *Mapfre Middlesea p.l.c.*

Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni ghaliex anke fl-ilment, l-ilmentatur jindika lil *Bonnici Insurance* bhala '*Agency*' u fil-*bracket* ghamel (agenti ghal *Mapfre Middlesea*).[1]

Barra minn hekk, fix-xhieda tieghu quddiem l-Arbitru,[2] John Bonnici, xehed li huma kienu agenti ta' *Mapfre Middlesea*.

Filwaqt li fil-bidu bdew jaraw il-*claim*:

'*Ftit wara li dahlet il-claim, Mapfre gibdulna l-attenzjoni li kemm l-assigurat, EJ, u n-named driver, ibnu, XXJ kellhom certu ammont ta' claims precedenti. Ahna l-istruzzjonijiet jekk nilqghux claim jew le jaghtuhomlna l-Mapfre ...*'[3]

Jghid ukoll li kienu l-*Mapfre* li qalulhom li kien hemm ghaxar *claims* precedenti li ma gewx imsemmija mill-ilmentatur jew ibnu fil-*Proposal Form*.

Minn dan kollu jirrizulta li *Bonnici Insurance Agency Ltd* kienu qed jagixxu biss bhala agenti tal-*Mapfre Middlesea*.

Ghalhekk l-Arbitru jrid jara din l-eccezzjoni fil-kuntest ta' dak li tghid il-gurisprudenza taghna dwar l-obbligi ta' agent ta' assikurazzjoni jew in-nuqqas taghhom meta huma jkunu qed jagixxu ghall-*underwriter.*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Malitraco Ltd vs Fortress Insurance Agency Ltd et,***[4] il-Qorti tal-Appell qalet dan li gej: **QA (Inf.) P. Sciberras, 11/01/2006**

'*Ghar-rigward tal-Fortress, din kienet qed tagixxi bhala agent tal-principal taghha - Middlesea Insurance p.l.c. Fil-kamp tal-assigurazzjoni huwa stabbilit*

*illi agent bhalma kienet il-Fortress, tagixxi ghan-nom u fl-interess tal-assigurazzjoni principali u dment li ma giex ippruvat illi l-istess agent ikun hareg barra mill-mansjonijiet ossija mill-vires lilu moghti mill-principal tieghu, huwa dejjem il-principal li ghandu jwiegeb.'*

[1] *A fol.* 3
[2] *A fol.* 56
[3] *Ibid.*
[4] QA (Inf) per Imh. Ph. Sciberras, 11/01/2006

F'sentenza ohra fl-ismijiet ***Lawrence Azzopardi et noe vs Joseph Muscat et nomine et,***[5] meta l-Qorti ghamlet referenza ghal min ikun qed jaghmilha ta' agent qalet li bhala agent:

'*l-atti kollha maghmulin minn rapprezentant ghall-Principal fil-limiti tas-setghat tieghu ... igibu direttament l-effett taghhom favur jew kontra l-principal*'.

Din is-sentenza giet ikkwotata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet: ***Raymond Borg vs Fogg Ltd ghan-nom u in rapprezentanza ta' Avon Insurance p.l.c., (PA 30/10/2003).***

Ghalhekk jidher car li meta kumpanija qieghda tagixxi ta' agent m'ghandhiex ir-responsabbiltà li twiegeb hi u thallas il-*claim,* izda huwa l-principal (l-*underwriter*) li ghandu jhallas f'kaz li tirnexxi l-*claim.*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell 'il fuq imsemmija, il-Qorti tghid li sakemm l-agent ma jkunx qabez il-'*vires*' tieghu huwa l-principal li ghandu jwiegeb.

Ma gie bl-ebda mod ippruvat li l-provditur tas-servizz kien qed jagixxi barra mil-limitu tad-dover tieghu, u jidher bl-aktar mod car li hu kien qed jagixxi ta' agent u mhux ta' *underwriter.*

Dan jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti.

Fl-ittra tal-14 ta' Dicembru 2017, il-provditur tas-servizz ghamilha cara mal-ilmentatur li hu kien qed jagixxi ta' agent ghax qallu:

'*Our principals, Mapfre Middlesea, have informed us that both you and XXJ had lodged numerous claims during the past 5 years.*'[6]

Kemm meta kien inxurjat mill-*Untours,*[7] kif ukoll meta kien inxurjat permezz ta' *Bonnici Insurance Agency Ltd,*[8] jidher car mil-*letterheads* li dawn kienu qed jagixxu bhala agenti tal-*Mapfre Middlesea*.

---

[5] PA 7/10/1997
[6] *A fol.* 8
[7] *A fol.* 19, 21
[8] *A fol.* 8

Il-*Proposal Form* tidher kjarament li hija mahruga mill-*Mapfre Middlesea.*[9] Anke il-*Motor Insurance Claim Form*[10] hija wahda tal-*Mapfre Middlesea.*

Ghalhekk jidher car li l-*claim* saret mal-*Mapfre Middlesea* u mhux ma' *Bonnici Insurance Agency Ltd.*

Ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejn l-ilmentatur u l-assikuratur *Mapfre Middlesea p.l.c*. u, ghalhekk, kwalunkwe obbligazzjoni li tohrog mill-polza ghandha tingarr mill-assikuratur u mhux mill-agent tieghu.

Dan gie anke kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet: ***Michael Bertuello vs Victor Cordina pro et noe et*** **deciza mill-Onor Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Lulju, 1994,** fejn inghad**:**

'*Mill-provi jirrizulta li din is-socjetà ma tassikurax hi izda tagixxi bhala agent tas-socjetà estera Black Sea and Baltic General Insurance Company Limited.*

*Jekk il-konvenut Victor Cordina ma agixxiex personalment, izda agixxa f'isem is-socjetà konvenuta, similment, din is-socjetà ma agixxietx bhala socjetà proprju izda f'isem is-socjetà assikuratrici estera imsemmija li taghha hija l-agent f'Malta izda li se mai din titharrek bhala agent* ***tas-socjetà assikuratrici estera li ultimament hija dejjem responsabbli ghal dak li gie kontrattat ghan-nom taghha mis-socjetà konvenuta.'***[11]

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz ghamilha cara fir-risposta tieghu li hu kien qed jagixxi bhala agent tal-*Mapfre Middlesea* u, ghalhekk, l-ilmentatur seta' facilment jikkjama fil-kaz lill-***underwriter,*** haga li proceduralment setghet issir.

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni u jillibera lill-provditur tas-servizz mill-osservanza tal-gudizzju.

Dan minghajr pregudizzju ghad-drittijiet li jista' jkollu l-ilmentatur kontra l-assikuratur.

Peress li l-Arbitru cahad it-tieni eccezzjoni, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

---

[9] *A fol.* 33
[10] *A fol.* 59
[11] Enfasi tal-Arbitru

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**